MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 350/2009

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT MARTIN SAMMUT**
**KONTRA**

**KELVIN JOHN CARUANA**
**JESMAR BRIFFA**
**GARY MAGRO**
**KYLE FARRUGIA**
**MARK HILI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kelvin John Caruana ta' 18- il sena, bin Domenic u Rita nee' Darmanin, mwieled 23 ta' Marzu 1992 Pieta',

residenti Flat 8, Ent C, Pjazza Vincenzo Borg Brared, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 173492(M);

U

Jesmar Briffa ta' 16 - il sena, bin Raymond u Carmen nee' Micallef, mwieled 28 ta' Ottubru 1993 Pieta', residenti 101, Triq l- Assemblea Nazzjonali, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 503593(M)

U

Gary Magro ta' 16- il sena, bin Saviour u Mary Rose nee' Muscat, mwieled 18 ta' Ottubru 1993 Pieta' , residenti Flat 10, Ent C, Binja Gubilew tal- Fidda, Triq tal- Balal, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 468093(M);

U

Kyle Farrugia ta' 16- il sena, bin Emanuel u Mary Therese nee' Seguna, mwieled 21 ta' Jannar 1994 Pieta, residenti Flat 5, Ent B, Binja tal- Mensija, Triq George Tayar, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 54194(M);

U

Mark Hili ta' 15-il sena, bin Francis u Maria Teresa nee' Ancilleri, mwieled 7 ta' Lulju 1994 Pieta', residenti Flat, Ent C, Binja 21 ta' Settembru 1964, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 296294(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer, nhar id- 29 ta' Gunju 2008, f' xi hin wara nofs in- nhar, gewwa San Gwann, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix €1165 u

dang had- dannu tas- socjeta’ maghrufa bhala Kwikmix, Joseph Cassar u persuni ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati, ilkoll minorenni, irregistraw ammissjoni fl-istadju ta’ provi difiza, wara li l-Qorti semghet il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonfermaw;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija kollha frott ta’ bravata tat-tfulija. L-imputati minorenni dahlu fi proprjeta’ privata u ghamlu herba shiha minn dak kollu li sabu hemm. Ma ghandhom l-ebda skuza u l-ebda attenwant ghal dak li ghamlu. Dan l-agir taghhom ghal kollox irresponsabbli wassal biex Joseph Cassar, proprjetarju ta’ Kwikmix, sofra danni ekwivalenti ghal madwar erbat elef u erba’ mitt Ewro (€4,400), liema danni gew koperti mis-socjeta ta assikurazzjoni Elmo Insurance. Ghalhekk fis-sentenza taghha l-Qorti sejra taghmel ukoll ordni ghall-hlas ta’ dawn id-danni fuq kull wiehed mill-imputati, kien x’kien l-involviment taghhom individwalment. Hadd minnhom ma messu kien hemm fl-ewwel lok, u hadd m’ghandu issa jipprova jistahba wara siehbu biex minghalih jezimi ruhu mir-responsabbilta li hu dahal ghaliha minghajr hadd ma gieghelu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tordnali jitqieghdu taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta ghall-perijodu ta’ sena.
Tordna inoltre lill-imputati jhallsu s-somma ta’ disa’ mitt ewro (€900) kull wiehed lis-socjeta’ Elmo Insurance bhala surrogate fid-drittijiet ta’ Joseph Cassar ghan-nom ta’ Kwikmix, ai termini tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------